**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 t'Ottubru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 6/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv: 1918/1994)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-esponenti A B u l-intimat C B izzewgu fis-sebgha ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (7.10.1994) fil-Knisja Parrokkjali ta'*

[1] Fol. 1 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

*Kalkara;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt' itfal, D u E ahwa B li twieldu fis-sitta ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (6.03.1995) u fl-erbatax ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (14.12.1997) rispettivament;*

3. *Illi l-ahwa B jirrisjedu flimkien ma' l-esponenti filwaqt li l-intimat ilu li telaq mid-dar matrimonjali circa tlett snin u nofs;*

4. *Illi D jahdem fuq bazi fulltime filwaqt li E qieghed jattendi kors fulltime fl-MCAST;*

5. *Illi l-intimat irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-esponenti ta' adulterju, eccessi, moħqrija, theddid u offizi gravi u l-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment bi htja ta' l-istess intimat;*

6. *Illi minkejja l-isforzi kbar li ghamlet l-esponenti tul l-ahhar snin sabiex tilhaq ftehim ma' l-intimat dwar is-separazzjoni ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma sehhx minhabba n-nuqqasijiet ta' l-intimat;*

7. *Illi precedentement kien hemm diversi proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet izda qatt ma ntlahaq ftehim dwar separazzjoni bonarja;*

8. *Illi permezz ta' digriet moghti nhar is-27 ta' Novembru 2015 (27/11/2015), din l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni 1272/15 hija maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza fit-termini mposti mil-Ligi (Vide Dok. 'A' anness);*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghda ghar-ragunijiet fuq imsemmija, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lil intimat;*

2. *Tiffissa r-retta alimentari dovuta lil esponenti ghan-nom ta' E B u taghti*

*dawk l-ordinijiet u l-provvedimenti opportuni sabiex l-istess retta tizdied perjodikament skond l-gholi tal-hajja;*

3. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lil esponenti u l-ohra lil intimat, bin-nomina okkorrendo ta' perit sabiex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;*

4. *Tassenja lil esponenti l-propjeta' shiha tad-dar ufficjalment markata numru XX, XX, Triq X, Kalkara u tiddikjara li l-istess dar ma ghandhiex titqies aktar bhala d-dar taz-zewg kontendenti;*

5. *Konsegwentament tikkundanna lil intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġu lilu prefiss, jizgombra mill-istess dar u jhalliha libera ghal uzu ta' l-esponenti;*

6. *Tordna lil intimat jirritorna u/jew ihallas lil esponenti fi zmien prefiss min din il-Qorti, l-oggetti u l-krediti parafernali kollha taghha;*

7. *Tapplika kontra l-intimat d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodiċi Civili.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat huwa kkonfermat;*

2. *Illi t-tieni paragrafu tar-rikors guramentat huwa kkonfermat;*

3. *Illi t-tielet paragrafu tar-rikors guramentat huwa kkonfermat;*

4. *Illi in kwantu ghar-raba' paragrafu filwaqt li huwa kkonfermat li iben il-kontendenti D B jahdem fuq bazi full-time, huwa kkontestat li binhom l-iehor*

[2] Fol. 13.

*E B jattendi kors full-time fl-MCAST billi issa E qieghed jahdem bhala part-time loader mal-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta b'paga ta' 'il fuq minn €300 kull hmistax;*

5. *Illi l-hames paragrafu qieghed jigi kkontestat stante li r-raguni 'il ghaliex iz-zwieg tfarrak huwa dovut ghall-attitudni belligeranti tal-mara tieghu li rrendiet il-hajja matrimonjali taghhom impossibbli. Apparti li waqt li zewgha kien allontana ruhu mid-dar matrimonjali, hija stess u cioe' l-attrici rrendiet ruhha hatja fil-konfront tar-ragel taghha ta' adulterju u dan billi ghall-insaputa' tieghu hija kienet qieghda tghix ma' ragel iehor fid-dar matrimonjali u kien biss wara xi sentejn li r-ragel sar jaf wara li wiehed minn uliedu gharaf lil missieru bis-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali;*

6. *Illi in kwantu ghas-stt paragrafu dan qieghed jigi kkontestat bil-qawwa stanteli kull darba li l-kontendenti kienu ser jaslu ghall-ftehim bonarju l-mara dejjem "caqalqet il-lasti" biex ma ssirx is-separazzjoni;*

7. *Illi s-seba' paragrafu huwa kkonfermat;*

8. *Illi t-tmien paragrafu huwa kkonfermat;*

9. *Illi kwindi l-hajja matrimonjali tkissret irremedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lil mara;*

10. *Illi l-manteniment ghall-htigijiet ta' E B ghandu jitnehha u dan stante li binhom ghalaq 18-il sena u qieghed jahdem kif fuq inghad;*

11. *Illi rigward id-dar matrimonjali, id-dar inbniet fuq art li nghatat b'donazzjoni lill-mara minghand ommha u d-dar inbniet wara li l-partijiet izzewgu bi flus ir-ragel u kwindi jezisti kreditu fil-konfront tad-dar parafernali a favur ir-ragel f'dik is-somma li talvolta tigi llikwidata;*

12. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tas-27 ta' Novembru 2015 fejn iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa

u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża;[3]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi tad-29 ta' Settembru 2016 li titkellem dwar: (i) ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ, (ii) l-ulied, (iii) il-manteniment, u (iv) elenku ta' dak li jappartjeni lir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[5] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża bir-rikors enumerate 6/2016/2AL, li jiratta t-talba sabiex il-proċeduri odjerni jiġu konvertiti fi proċeduri ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-konnessjoni tal-kawżi ġiet applikata mill-Qorti stess abbażi tas-subinċiż 3 tal-Artikolu tal-liġi hawn imsemmi;

Rat is-sentenza tal-kawża fl-ismijiet premessi bin-numru 6/2016/2 AL, fejn it-talba sabiex il-proċeduri odjerni jiġu konvertiti f'dawk ta' divorzju ġiet akkolta, liema sentenza ġiet mogħtija llum it-30 ta' Marzu 2022;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[7]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, li kienu żżewġu nhar is-7 ta' Ottubru 1994. Minn dan

---

[3] Fol. 6.
[4] Fol. 572.
[5] Maħtura nhar il-15 ta' Marzu 2016, a fol. 25.
[6] Fol. 980.
[7] Fol. 979.

iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, li huma maġġorenni, D B li għandu ċirka sebgħa u għoxrin (27) sena u E B li preżentement għandu ċirka erbgħa u għoxrin (24) sena.

Madanakollu u ġialadarba l-miżżewġin ma humiex separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, l-attriċi qed iżomm ferm mal-bqija tat-talbiet tagħha kif dedotti fir-rikors promotur u dan abbażi tal-Artikolu 66D subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, apparti l-ħall taż-żwieġ l-Qorti għandha ukoll tirregola l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi deċiż min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika *o meno* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment adegwat għal E B;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, fejn għandha tassenja lill-attriċi d-dar matrimonjali, u konsegwentament tillikwida u tassenja lill-attriċi ukoll dawk l-assi u krediti li huma parafernali tagħha;

4. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mid-dar matrimonjali.

Min-naħa l-oħra l-konvenut, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata izda huwa tal-fehma li jeżisti kreditu a favur tiegħu stante li d-dar matrimonjali nbniet minn flusu. Għaldaqstant, il-Qorti kkunsidrat li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taz-zwieġ.

## 2. Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ u l-Ħall taż-Żwieġ:

*Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:*

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fin-nota ġuramentata tagħha,[8] u fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ l-attriċi tikkontendi illi tali responsabbilita' hi imputabbli unikament lill-intimat u dan minħabba adulterju, vjolenza, eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid u nġurji gravi fil-konfront tagħha. L-attriċi tkompli tispjega illi *"fl-ewwel lok, l-intimat kellu diversi relazzjonijiet adulteri ma' nisa oħra u preżentement qiegħed f'relazzjoni ma' mara oħra li ilha għaddejja għal tul ta' żmien u din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tkissir taz-żwieġ. Illi fit-tieni lok, il-komportament ta' l-intimat tul iż-żwieġ bejn il-partijiet kien vjolenti u abbużiv kemm fiżikament u kemm emozjonalment".*[9]

Konsegwentament u fl-affidavit tagħha,[10] l-attriċi tibda billi tispjega illi l-partijiet iltaqgħu għal ħabta ta' Ottubru 1991 meta kien għad kellha dsatax-il (19) sena u bdew relazzjoni. L-attriċi tgħid illi meta ltaqgħat ma' żewġha ma kienetx taf li ftit taż-żmien qabel huwa kien qabad il-vizzju tad-droga tant li kien għamel żmien jieħu l-għajnuna minngħand il-*Caritas*. F'Ġunju tas-sena 1994, l-attriċi nqabdet tqila u b'hekk huma żżewġu nhar is-7 ta' Ottubru 1994. Dan iż-żmien il-partijiet kienu bdew joqgħodu fi flat taz-ziju ta' omm l-intimat, liema fond kien umduż ferm u meta twieled l-ewwel wild, D B, l-attriċi tgħid li dan it-tifel kien jimrad ħafna. Kien għalkekk li l-partijiet iddeċidew li jibnu fuq l-art parafernali tal-attriċi u fid-dawl ta' dan, il-partijiet ħadu self minngħand il-bank.

Jingħad illi fil-bidu ir-relazzjoni tal-partijiet kienet tajba, iżda l-problema tal-intimat kienet li meta kien joħroġ ma' sħabu kien jixrob u meta kien jiġi lura d-dar kien ikun vjolenti, tant li *"fuq l-icken kelma kien jaqla' l-glied u minhabba dan kont nisfa msawta".*[11] L-attriċi tisħaq li maż-żmien, l-aġir ta' żewġha beda jiggrava u tallega illi *"niftakar minn ta' l-inqas zewġ okkazjonijiet fejn C heddidni b'sikkina u jghid li ma jibza' minn had u li hu 'ala biebu'.*[12] Magħdud ma' dan, l-attriċi tagħti ukoll rendikont ta' meta ftit qabel ma telaq mid-dar matrimonjali, il-partijiet kellhom argument fil-karozza u l-intimat sabbat wiċċ l-attriċi mal-*isteering wheel* u sforz tali aġir sofriet minn ġrieħi ħfief f'wiċċha u *black eye*. L-attriċi tispjega li l-istess argument kompla jeskala appena waslu d-dar, fejn tallega

[8] Fol. 572.
[9] *Ibid.*
[10] Fol. 581.
[11] Fol. 584.
[12] *Ibid.*

li l-intimat ħebb għaliha bis-sikkina u b'xi mod l-attriċi rnexxielha taħrab mid-dar. Wara li rritornat lura d-dar, ma sabitx lill-intimat id-dar, u flimkien mal-ġenituri tal-intimat, l-attriċi tgħid li marru jagħmlu rapport l-Għassa tal-Pulizija ġewwa Ħaż-Żabbar għaliex ma kienux jafu fejn mar, u tisħaq li fl-istess rapport ma għamlet l-ebda referenza għall-ġrieħi u theddid li sofiret minnhom. Wara ftit, l-intimat irritorna lura d-dar matrimonjali. L-attriċi tispjega li *"tul dan iz-zmien kollu jien qatt ma rrapurtajt l-abbuz li kont insofri lill-Pulizija u dan ghanx dejjem bzajt minu u jien dejjem ridt inzomm il-familja maghquda"*.

Magħdud mal-premess, l-attriċi tispjega ukoll li għal ħabta tas-sena 2005 hija bdiet tħoss li żewġha kien qiegħed jitwarrab minnha u minnflok kien qiegħed iqatta' ħafna ħin waħdu isfel fil-kċina quddiem il-*computer*. F'din l-istess sena, l-attriċi tgħid li beda jkollha s-suspetti li żewġha kellu wiċċ ħaddieħor, hekk kif kienet sabet numru telefoniku fuq il-*mobile* tal-intimat. Minkejja li kienet ċemplet fuq tali numru, u l-persuna l-oħra kkonfermat lill-attriċi li hi kienet mara miżżewġa b'tarbija u li ma kellhiex irġiel oħra, is-suspett tal-attriċi xorta waħda baqa' fuq moħħha. Dan is-suspett kompla jberren f'moħħ l-attriċi, sakemm fl-2010 kienet qiegħda tħossha mwarba minn ħafna affarijiet, anke fir-rapporti intimi bejniethom hekk kif l-att sesswali sar *"xi ħaġa ta' meta jrid hu u biex jinqeda hu biss"*,[13] fejn wara li l-attriċi kienet rat messaġġ fuq il-*mobile* tal-intimat, din ikkonfrontatu u tallega li l-intimat ikkonferma magħha illi *"reġa' kien ikkometta adulterju"*.[14] Wara tali ammissjoni, l-attriċi espremiet xewqitha ma' żewġha li tiltaqa' ma' din il-mara, u b'hekk l-intimat ħa lil martu ż-Żurrieq, fejn is-sieħba tal-intimat ikkonfermat kollox mal-attriċi. F'dan ir-rigward, l-attriċi tispjega illi *"meta morna lura C kien talabni skuża u esprima xewqtu li nirranġaw għaliex, fi kliemu stess, ma xtaqtx li bl-aġir tiegħu jkisser żewġ familji. L-għada erġajna morna ż-Żurrieq u C talab skuża minn żewġ il-mara li kien qed jara"*.[15] L-attriċi tgħid li din l-istorja kienet weġġgħata ħafna, iżda kemm hi kif ukoll uliedha kienu ħafrulu lill-intimat u ppruvaw jkomplu bil-ħajja normali. Il-partijiet kienu ukoll saħansitra marru jieħdu parir minngħand Dun Victor Grech.

Konsegwentament fl-2012, l-attriċi tispjega li l-intimat kien talabha biex imorru għand *Family Therapist*, u b'hekk marru għand Charles Azzopardi. Wara l-ewwel appuntament, l-intimat ammetta mal-attriċi li kien qiegħed ikellem mara oħra. L-attriċi ltaqgħat ma' din il-mara, ċertu F G. Din il-mara kienet infurmat lill-attriċi li permezz ta' profil falz fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook*, l-intimat kien diġa' ltaqa' ma nisa oħra qabel ma beda relazzjoni magħha. Minkejja dan kollu, l-attriċi

[13] Fol. 585.
[14] *Ibid.*
[15] *Ibid.*

ppruvat tikkonvinċi lil żewġha biex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom, iżda l-intimat kien konvint li dak ma kienx il-futur li kellu f'moħħu tant li f'Mejju tal-2012 l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fejn mar jgħix mas-sieħba tiegħu.

Magħdud mal-premess, l-attriċi tagħti rendikont ta' kwistjonijiet oħra ta' bejn il-partijiet, u tallega illi:

i. L-intimat beda jinsulta u jinfama lill-attriċi illi hija kienet ħarġet tqila minn ħuha stess u dan għaliex skont t-tifel kien jixbah lil zijuh matern. Fil-fatt l-attriċi tkompli tispjega li l-intimat kien jagħti *hard time* lil D u jwaqqalu s-*self esteem*;

ii. L-intimat kien sar pussessiv fuqha u b'hekk kien diffiċli għaliha li jkollha l-ħbieb u anke' saħansitra kien jipprova jnaqqas il-kuntatt u jġellidha ma' familtha;

iii. L-intimat kien ikun dejjem imħasseb u jilmenta dwar il-pagamenti tas-self;

iv. Kienu jiġġieldu u jargumentaw ta' spiss għax l-intimat kien jgħajjar lill-attriċi biex tmur taħdem, u dan minkejja li kienu għadhom kif twieldu ż-żewġt itfal;

v. L-intimat kellu fissazzjoni fuq il-flus, u minħabba din l-ossessjoni:

   a. Ma kienx jagħti flus lill-attriċi biex tagħmel ix-xirja għaliex hu kien jaħdem f'*supermarket* b'hekk kien jixtri hu;

   b. Ma kienx jafdaha bil-flus u ma kien jagħtiha xejn flus f'idejha;

   c. Kważi qatt ma kienu joħorġu bħala familja u meta kienu joħorġu kien minħabba li kienu jiġu mistiedna minn missier l-intimat u jħallas kollox hu;

   d. Id-deheb tagħha u tat-tfal kien ġiegħlha tbiegħu, iżda ma tafx x'sar bir-rikavat;

   e. L-intimat kien biss jagħmel użu mill-*keycard* tal-*Internet banking* u b'hekk kien jagħmel diversi transizzjonijiet kif jixtieq hu, tant li meta

r-relazzjoni spiċċat l-attriċi kienet sabet fil-kont bankarju tagħha is-somma ta' €6;

f. L-intimat kien ħa lill-attriċi s-somma parafernali ta' €3,000 li hija kienet iżżomm f'kexxun.

vi. L-intimat huwa ffissat ukoll fuq il-*football*, u raġuni oħra għaliex ma kienux joħorġu kienet għaliex l-intimat kien jippreferi joqgħod id-dar jara l-logħob.

Wara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali, il-partijiet bdew il-proċeduri għas-separazzjoni. L-attriċi tispjega li wara t-tluq ta' żewġha mid-dar matrimonjali, kienet muġugħa emozzjonalment tant li rrikoriet għall-għajnuna minngħand il-*Caritas* u kien jaraha ċertu Philip Vella darba fil-ġimgħa. Maż-żmien bdiet tifhem illi żewġha ma kienx ser jirrikonċilja magħha, u b'hekk bdiet tiltaqa' ma' xi ħbieb. Maż-żmien bdiet titkellem ma' ħabib ta' ħuha, H I, li kien ukoll għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni, u għal ħabta tal-2014 ir-relazzjoni bejnha u H bdiet tikber.

L-attriċi toġġezzjona għal dak li saħaq l-intimat illi l-ftehim bonarju ma rnexxiex minħabba fiha, iżda tikkontendi illi waħda mill-problemi kienet li hi kellha paga baxxa u ebda Bank ma aċċetta li l-*loan* jinqalab fuq isimha. Barra minn hekk, kwistjoni oħra li xekklet il-qbil bonarju kienet il-vettura li kien jagħmel użu minnha l-intimat, liema vettura nxtrat permezz ta' *loan* mill-Bank, liema *loan* ġie allegatament amalgamat ma' dak tad-dar.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha fir-rigward tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. Numru ta' ritratti u *posts* mehuda minn fuq il-pjattaforma soċjali Facebook tal-intimat ma' F G, fejn jiġi stabbilit li r-relazzjoni tagħhom bdiet f'Diċembru 2011 u li l-intimat biddel ir-*relationship status* tiegħu nhar il-5 ta' Mejju 2012 u ċjoe' dakinhar li telaq mid-dar matrimonjali fejn għamlu jimmarka li qiegħed f'relazzjoni mal-istess F G;[16]

2. Numru ta' ritratti u *posts* mehuda minn fuq il-pjattaforma soċjali Facebook, fejn jidher li l-intimat isiefer regolarment.[17]

---

[16] Fol. 805 – 825.
[17] Fol. 826 – 848.

*<u>Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:</u>*

Nonostante l-possibilita' li kellu l-intimat sabiex iressaq il-verżjoni u l-provi tiegħu, huwa għażel li dan ma jagħmlux. Għaldaqstant għal dak li jirrigwarda r-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, l-unika verżjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija dik kif sottomessa fir-risposta ġuramentata. Fir-risposta tiegħu, il-konvenut jikkontesta l-verżjoni attriċi u ċjoe' li huwa rrenda ruħu ħati stante adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi, anzi jallega illi *"r-raġuni 'il għaliex iz-zwieg tfarrak huwa dovut għall-attitudni belligeranti tal-mara tiegħu li rrendiet il-hajja matrimonjali taghhom impossibbli. Apparti li waqt li zewġha kien allontana ruħu mid-dar matrimonjali, hija stess u cioe' l-attrici rrendiet ruhha ħatja fil-konfront tar-ragel taghha ta' adulterju u dan billi ghall-insaputa' tiegħu hija kienet qiegħda tgħix ma' raġel ieħor fid-dar matrimonjali u kien biss wara xi sentejn li r-raġel sar jaf wara li wieħed minn uliedu għarraf lil missieru bis-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali".*[18] Sabiex jissostanza l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. <u>Artikolu 66D tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi, f'subinċiż 1 jiġi stipulat illi:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba".*

Konsegwentament, u b'referenza speċifika għal subinċiż 3, il-liġi tisħaq illi:

[18] Fol. 13.

*"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaqf'kawża ta' separazzjoni".*

*b. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[19] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[20] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[21] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta'*

[19]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[20]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[21]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[22] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[23] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[24]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[25]

*c. <u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[26] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[27].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[28] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ......*

---

[22]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[23]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[24]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[25]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[26] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[27] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[28] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser *primarjament* b'mod irrimedjabbli minħabba l-adulterju da parti l-intimat. Mir-ritratti li produċiet l-attriċi jirriżulta ampjament ċar li l-intimat beda relazzjoni extra-matrimonjali ma' F G sa mis-sena 2012, u tali relazzjoni ħarġet fil-beraħ b'mod uffiċċjali fil-5 ta' Mejju 2012 hekk kif iddikjara dan hu stess fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook*. Għalhekk dawn il-provi ma jħallu l-ebda dubju fil-Qorti dwar l-aġir adelturuż tal-intimat fil-konfront ta' martu, liema aġir jammonta ukoll għal inġurji gravi. Min-naħa l-oħra u minkejja li l-attriċi tallega li l-intimat għandu ukoll jinstab ħati ta' eċċessi, theddid, moħqrija u vjolenza, il-Qorti tara li dawn il-kapijiet ma ġewx minimament ippruvati. Ma huwiex biżżejjed li wieħed sempliċiment jallega u jivvanta ċertu ċirkostanzi, iżda huwa neċessarju li tiġi osservata l-massima legali *'min jallega jrid jipprova'*. Fid-dawl ta' dan u filwaqt li l-Qorti ssib lill-intimat ħati ta' adulterju u inġurji gravi, min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistgħax issib lill-intimat ħati tal-kapijiet l-oħra.

Magħdud mal-premess, il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax ukoll dwar ir-relazzjoni extra-matrimonjali li bdiet l-attriċi waqt il-proċeduri tas-separazzjoni. F'dan ir-rigward u għalkemm fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut jallega illi martu għandha relazzjoni extra-matrimonjali, huwa jonqos milli jikkorrabora l-istess. Madanakollu, fl-affidavit tagħha, l-attriċi tiddikjara: *"37. Fost il-hbieb li ltqajt magħhom kien hemm H I, ħabib ta' ħija, li kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni hu wkoll u għalhekk kellna qisu suġġett in komuni bejnietna u stajna nagħtu support lil xulxin; 38. Wara xi sentejn, u cioe fl-2014 jien u H bdejna naraw aktar lil xulxin bħal per eżempju mmorru nieħdu kafe jew nieklu f'xi restaurant u ngħid li minn hemm ir-relazzjoni tagħna kompliet tikber".*[29]

[29] Fol. 588.

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, tali dikjarazzjoni hija ammissjoni da parti l-attriċi li hi wkoll għandha relazzjoni extra-matrimonjali.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn ġie ritenut illi: *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka hames snin wara s-separazzjoni de facto, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien".* Dan il-prinċipju ġie addottat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Rachelle Micallef vs Renald Micallef**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Ġunju 2020, u konsegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti tinsab tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jiġi applikat ukoll fil-każ odjern fil-konfront tal-attriċi u dan għaliex wara s-separazzjoni *de facto* tagħhom, hija ukoll bdiet relazzjoni ma' terza persuna. Għalkemm il-ħtija prinċipali tirrisjedi fl-intimat, madanakollu l-attriċi ma tistgħax tgħid li hi bla ebda ħtija għaliex anke' jekk għal ftit hija kompliet tikkontribwixxi għat-tifrik totali taż-żwieġ tal-partijiet.

## *Il-Ħall taż-Żwieġ:*

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. F'dan ir-rigward, il-Qorti diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha qabel ma ppronunċjat ruħha fis-sentenza ta' llum stess, u ċjoe' meta ordnat illi t-talba tal-attriċi għas-separazzjoni magħmula fil-kawża odjerna titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ġie ritenut sewwa sew fis-sentenza imsemmija, sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

i. Fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

ii. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

iii. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[30]

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

i. Il-partijiet isseparaw *de facto* nhar il-5 ta' Mejju 2012, u b'hekk il-partijiet ilhom kważi għaxar snin separate *de facto* minn xulxin;

ii. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana in vista li, kif intqal, it-tnejn li huma jidher li għandhom relazzjoni extra-matrimonjali ma' terzi;

iii. Il-kwistjoni tal-manteniment kienet l-oġġezzjoni tal-konvenut meta rrisponda għar-rikors tal-attriċi, u dan għaliex huwa ma kellux għalfejn jibqa' jħallas manteniment għal ibnu E B li huwa ormai maġġorenni u qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*. Madanakollu, in vista ta': (a) id-digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2016, u (b) l-verbal tal-udjenza ta' nhar it-3 ta' Ottubru 2017 fejn ġie ddikjarat li E B kien qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*, jirriżulta li fil-preżent ma hemmx iktar kwistjoni u pendenzi dwar il-manteniment.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiċħad it-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mrsqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għal ksib tad-divorzju.

[30] Il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġialadarba t-talba odjerna saret proprju fl-2016, il-liġi applikabbli għal każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Proprju għalhekk li l-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni tali rekwiżiti sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha jekk għandhiex tiġi akkolta *o meno* t-talba tal-attriċi.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ħtija primarja għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi fuq l-konvenut stante adulterju u nġurji gravi min-naħa tiegħu. Madankollu, l-attriċi assistiet sabiex iż-żwieġ tkissier irrimedjabilment stante li anke' hi kienet adulteruża fil-konfront ta' żewġha wara li sseparaw *de facto* minn xulxin. Fil-każ in eżami, ġialadarba ma saret l-ebda kontro-talba mill-konvenut f'dan ir-rigward, din il-Qorti tista' biss tilqa' t-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**4. Manteniment għal E B:**

Miż-żwieġ tal-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' D B, imwieled nhar is-6 ta' Marzu 1995, u E B imwieled nhar l-14 ta' Diċembru 1997. Dan ifisser illi fil-prezent, ulied il-partijiet għandhom sebgħa u għoxrin (27) sena u erbgħa u għoxrin (24) sena, rispettivament, u b'hekk huma maġġorenni. Madanakollu permezz tar-rikors odjern, l-attriċi titlob manteniment għal wild iż-żgħir u ċjoe' E B. Madanakollu mill-atti jirriżulta li ormai E B, apparti li għandu iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena, huwa wkoll qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li ma hemmx iktar lok għaliha sabiex tippronunzja ruħha dwar tali talba. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba fir-rigward ta' E B.

**5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar is-7 ta' Ottubru 1994, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

*Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz ta' "XX, XX, Triq X, Kalkara"*, il-Qorti tara li mill-atti ma hemm l-ebda dubju li din id-dar inbniet fuq art parafernali tal-attriċi, liema art ġie mgħoddija lill-attriċi permezz ta' donazzjoni mill-ġenituri tagħha. Sabiex tikkorrabora dan l-attriċi ppreżentat kopja tal-kuntratt datat 5 ta' Lulju 1993 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion.[31] Għalhekk din id-dar hija parafernali tal-attriċi. Madanakollu, il-Qorti tara li hemm qbil bejn il-partijiet illi tali art inbniet wara ż-żwieġ, u għalhekk bil-ħila taż-żewġ partijiet – iżda filwaqt li l-konvenut jisħaq illi jeżisti kreditu fil-konfront tad-dar a favur tiegħu, min-naħa l-oħra l-attriċi tgħid li għalkemm *"teoretikament il-konvenut għandu raġun nofs il-flejjes imħallsa waqt iż-żwieġ tal-partijiet għall-bini tad-dar matrimonjali jirrappreżentaw kreditu parafernali favur tiegħu, minn eżami tal-provi għandu jirriżulta li fil-verita' m'hemm xejn dovut mill-esponeti"*.[32]

Il-Qorti tara li l-partijiet ma ġabu l-ebda stima peritali dwar il-valur tad-dar, senjatament tal-arja *per se* kif ukoll tax-xogħolijiet li saru. L-unika ċifra li ġiet imsemmija kienet dik ta' €210,000 mill-attriċi fin-nota ġuramentata, liema ċifra ma ġietx ikkorraborata permezz ta' xi rapport peritali.[33] Madanakollu, il-Qorti tara illi sabiex ġiet iffinananzjata din id-dar, il-partijiet ħadu numru ta' *loans* mal-

[31] Fol. 575.
[32] Fol. 985.
[33] Fol. 572.

banek lokali – bejn wieħed u ieħor il-partijiet isselfu madwar €172,360.70.[34] Sabiex il-Qorti tasal għal konklużjoni jekk jeżistix kreditu a favur il-konvenut fuq id-dar matrimonjali, il-Qorti tara illi:

| | |
|---|---|
| Loans mal-Bank of Valletta plc | Il-Qorti ma għandha l-ebda informazzjoni dwar tali, ħlief li ġew imħallsa u għalhekk mingħajr indikazzjoni tal-ammonti u r-raġuni għaliex ittiehdu tali *loans* , il-Qorti ma hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni tagħhom; |
| Loans mal-HSBC Bank Malta plc | Fir-rigward tal-*loans* tal-ammonti mill-atti jidher li l-partijiet ħallsu ċ-ċifra ta' € 116,667.59 u ċjoe' €58,333.80 kull wieħed, u dan sa Mejju 2012.[35]<br><br>Dak li tħallas wara, jidher li tħallas direttament mill-introjtu tal-attriċi, u għalkemm f'tali żmien kien għadu viġenti r-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tara li tali pagamenti ma għandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni li qed isiru f'isem iż-żewġ il-partijiet, iżda f'isem l-attriċi waħedha. |

Il-Qorti tara li filwaqt li d-dar bl-indirizz *"X, XX, Triq X,, Kalkara"* għandha tkun assenjata fl-intier tagħha lill-attriċi, tordna ukoll li l-attriċi għandha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' €58,333.80 rappreżentanti sehmu mill-bini u *refurbishment* tal-istess dar li sar fiż-żwieġ.

*<u>Fir-rigward tal-introjtu tal-konvenut</u>*, il-Qorti tara li ż-żwieġ tfarrak unikament minħabba l-atitudni u l-għaġir tal-konvenut, għaldaqstant b'applikazzjoni tal-Artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut għandu jagħti lill-

[34] Ara l-*loans* mehuda ma' HSBC Bank Malta plc, u dan ad esklużjoni ta' dawk mehuda mal-Bank of Valletta plc stante li ma setgħatx tiġi preżentata informazzjoni dwar tali self (*vide* fol. 1008).
[35] Għajr għal-*loan* bin-numru 18063538, hekk kif mill-atti jidher li l-attriċi bdiet tħallas minn flusha mid-9 ta' Mejju 2013 – ara a fol. 107.

attriċi nofs l-introjtu tiegħu stante li l-komunjoni tal-akkwisti qatt ma ġiet itterminata fil-mori tal-kawża abbażi tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, għal tali raġuni l-Qorti rat illi l-introjtu nett tal-konvenut: (i) għas-sena 2012 (minn Mejju 2012) kien ta' €10,507.47, (ii) għas-sena 2013 kien ta' €16,425.78, (iii) għas-sena 2014 kien ta' €18,871.25, (iv) għas-sena 2015 kien ta' €19,960.54, (v) għas-sena 2016 kien ta' 23,128.19, (vi) għas-sena 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 kien ta' madwar €24,000,[36] u (vii) għas-sena 2022 (sa Settembru) kien ta' madwar €18,000.[37] Għalhekk dan iwassal għal total ta' €226,893.23 u b'hekk sehem l-attriċi huwa dak ta' €113,446.61. Fid-dawl ta' dan, u in vista li sal-preżent ir-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti għadha viġenti, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' €113,446.61 lill-attriċi, iżda tajjeb tfakkar li l-istess prinċipju ma għandux jgħodd fil-konfront tal-attriċi u dan abbażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fejn il-konvenut ma baqgħax intitolat għal nofs l-introjtu tal-attriċi mid-data li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabilment minħabba l-għaġir tiegħu.

*Fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni*, il-Qorti tara li għalkemm din tiġi msemmija mill-attriċi, mill-atti ma jidhirx li kien hemm xi xhud li tela' jixhed dwar l-istess u jforni lill-Qorti bl-informazzjoni neċessarja. Nonostante dan, il-Qorti rat li mill-*istatements* bankarji jidher li verament kienet qiegħda titħallas polza tal-assigurazzjoni u dan mill-11 ta' Lulju 2008 fl-ammont ta' LM29.02 (u iktar tard €40.70).[38] Sal-preżent dan ifisser li tħallset is-somma globali ta' €6,959.7 – ċjoe' €1,872.20 mill-11 ta' Lulju 2008 sa April 2012, u €5,087.5 minn Mejju 2012 sal-preżent. Pero' l-Qorti ma għandha l-ebda indikazzjoni dwar min tinsab iskritta tali polza. Għaldaqstant tenut kont id-data ta' meta ż-żwieġ tkisser, u ċjoe' 5 ta' Mejju 2012, il-Qorti tara li l-polza għandha tiġi terminata, filwaqt li l-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi nofs is-somma maħruġa wara l-5 ta' April 2012, u ċjoe' €2,543.75.

*Fir-rigward tal-vetturi*, il-Qorti tara li fil-preżent il-konvenut għandu reġistrat fuq ismu vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni BRN-070 sa mill-25 ta' Mejju 2010, filwaqt li l-attriċi għandha fuq isimha vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni SUS-023 sa mit-30 ta' Lulju 2012. Il-Qorti tara li l-vettura li tinsab reġistrata fuq isem l-attriċi kenet fil-passat irreġistrata fuq isem

[36] Il-Qorti ħadmet l-*estimate* abbażi tal-*payslips* li ġew eżebiti għas-sena 2017 (minn Jannar sa Mejju 2017) u konsegwentament żammet l-istess medja għas-snin sussegwenti.
[37] *Ibid.*
[38] *Vide* fol. 393.

il-konvenut, filwaqt li l-vettura tal-konvenut ġiet mixtrija permezz ta' self mill-bank fl-2010.[39] Tenut kont li dan is-self għadu qed jiġi mħallas mill-attriċi bl-interessi b'kollox, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal tali dejn in vista li l-vettura kien, għadu u ser jibqa' igawdiha hu. Għalhekk il-Qorti tassenja l-vettura tat-tip Toyota Vitz bi-numru ta' reġistrazzjoni SUS-023 lill-attriċi, filwaqt li lvettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni BRN-070 tiġi assenjata lil konvenut. Magħdud ma' dan, tordna ukoll lil konvenut sabiex jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €10,700 bħala l-prezz tal-vettura.

*Fir-rigward tal-kontijiet mal-ARMS Ltd*, il-Qorti rat illi l-kont pendenti fil-mument li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u ċjoe' nhar il-5 ta' Mejju 2012, kien jammonta għal €584.68.[40] Għalhekk il-konvenut irid jirrifondi lill-attriċi nofs tali somma u ċjoe' €292.34 rappreżentanti sehmu minn tali kont.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li jkunu intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ mizmum fih, filwaqt li fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġuti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ għandu jgħaddu għand l-attriċi, inkluż kwalsiasi dejn li għadu pendenti mal-banek għandu jgħaddi esklussivament fuq isem l-attriċi.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' assi parafernali, fil-kawża odjerna jirrizulta biss is-segwenti:

i. *L-art li fuqha ġiet mibnija d-dar matrimonjali*, li saħansitra ġie ppreżentat kuntratt sabiex tali stat ta' fatt jiġi kkonfermar, u b'hekk din għandha tibqa' ssejjaħ lill-attriċi.

ii. *L-ammont ta' €3,000 liema somma l-attriċi tallega li hija ġiet mogħtija lilha minn missierha wara li huwa kien wiret minngħand il-ġenituri tiegħu, liema flus kienu mpoġġija f'kexxun ġewwa d-dar matrimonjali*,[41] iżda l-ezistenza ta' tali somma fl-ebda waqt ma ġiet ippruvata, u wisq inqas ma gie ppruvat li l-istess somma ġiet mehuda mill-konvenut. Għaldaqstant l-Qorti mhux ser tieħu in konsiderazzjoni ta' tali allegazzjoni stante nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward.

[39] *Vide* t-transazzjoni mill-*istatement* bankarju a fol. 426.
[40] Fol. 895.
[41] Fol. 584.

## 6. Id-Dritt ta' Residenza ġewwa d-Dar Matrimonjali:

Il-Qorti tara li l-attriċi resqet talba sabiex l-konvenut jiżgombra mid-dar matrimonjali, filwaqt li l-istess dar tiġi ddikjarata li ma għadhiex iktar isservi ta' dar matrimonjali għall-partijiet.

## DEĊIDE:

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, filwaqt li tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante li m'għadx hemm lok illi tali talba tiġi deċiża;

3. Tilqa' it-tielet talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tat (8) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' '*It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali*'; filwaqt li fir-rigward tal-assi parafernali l-assenjazzjoni għandha tkun ukoll skont it-tmien parti ta' din is-sentenza;

4. Tilqa' r-raba' talba u tassenja l-proprjeta' bl-indirizz *"X, XX, Triq X, Kakara"* fl-intier tagħha lill-attriċi, filwaqt li tiddikjara li tali proprjeta' m'għandhiex isservi iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

5. Tilqa' il-ħames talba u tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jiżgombra mill-proprjeta' tal-attriċi;

6. Tiċħad is-sitt talba u dan stante li l-beni parafernali tal-attriċi jinsabu kollha fil-pussess tagħha;

7. Tilqa' is-seba' talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet *in toto* kif elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportat kollha mill-konvenut.